San Ġiljan	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' l-appartament Nru 6 u sest indiviż tal-garaxx, formanti parti mill-fond jismu 'Apollo Court' fi Triq Sant' Elija;	Il-Gvern ta' Malta		2887/07
San Ġiljan	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of apartment No 6 and one sixth undivided share of a garage, forming part of the tenement named 'Apollo Court' in Triq Sant' Elija;*	*The Government of Malta*		
San Ġwann	Porzjoni mill-art Tal-Bambin tal-kejl ta' 2,450 m.k., fi Sqaq it-Tiġieġ;	L-Artal tal-Lunzjata – Knisja Parrokkjali ta' B'Kara		2820/07

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Ġwann	*A portion f the land Tal-Bambin covering an area of 2,450 s.m., in Sqaq it-Tiġieġ;*	*L-Artal tal-Lunzjata – B'Kara Parish Church*		
San Ġwann	Id-dar Nru 1, Blokk E fi Triq l-Akaċja, Qasam tad-Djar tal-Gvern; u l-appartament Nru 3, Bieb 8, fi Triq il-Ballut;	L-Awtorita' tad-Djar		2923 u 2926 ta' l-2007
San Ġwann	*House No 1, Block E in Triq l-Akaċja, Government Housing Estate; and apartment No 3, Door 8, in Triq il-Ballut;*	*The Housing Authority*		
San Ġwann	Korrezzjoni ta' LRA 2054/2007. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Vincent Miceli applikazzjoni LRA 3032/2007, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens din trid tiġi ttrattata bħala 'in parti l-ewwel reġistrazzjoni' u 'in parti trasferiment parzjali' u mhux kif kien indikat fl-applikazzjoni oriġinali;	Il-Gvern ta' Malta		3032/07
San Ġwann	*Correction of LRA 2054/2007.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Vincent Miceli application LRA 3032/2007, a correction of the above mentioned application in the sense that this should be processed as 'in part first registration' and 'in part – part transfer' and not as was indicated in the originali application;*	*The Government of Malta*		
San Ġwann	2/5 indiviżi tal-għalqa Ta'San Ġwann tal-kejl ta' 1,022 m.k., f' San Ġwann tal-Għargħur;	Doris Micallef	389641M	3096/07
San Ġwann	*2/5 undivided share of the field Ta' San Ġwann covering an area of 1,022 s.m., at San Ġwann tal-Għargħur;*			
San Palw il-Baħar	*A portion of land covering an area of 1,350 s.m., and a portion of land covering an area of 1,054 s.m. both in the limits of Il-Wileġ;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Korrezzjoni ta' LRA 2570/2007. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Nicholas Vella l-applikazzjoni LRA 2736/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Rosanna Vella et	672825M	2736/07
San Pawl il-Baħar	*Correction of LRA 2570/2007.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Nicholas Vella application LRA 2736/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*			
San Pawl il-Baħar	L-utile dominju perpetwu tal-villa Nru 5 jisimha 'Villa Stesi', bil-garaxx sottostanti, it-Telgħa ta' Fondatore, ix-Xemxija;	Maureen Zammit		2787/07

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Baħar	*The perpetual utile dominium of the villa at No 5 named 'Villa Stesi', with an underlying garage, at Telgħa ta' Fondatore, Xemxija;*			
San Pawl il-Baħar	L-appartament Nru 4, formanti parti mill-blokk jismu 'Grixti New Buildings' sive 'Grixti's Court' fi Triq Dawret in-Nawfraġju, ix-Xemxija;	Tilecraft Ltd	C 8722	2808/07
San Pawl il-Baħar	*Apartment No 4, forming part of a block named 'Grixti New Building' sive 'Grixti's Court' in Triq Dawret in-Nawfraġju, at Xemxija;*			
San Pawl il-Baħar	Biċċa art tal-kejl ta' 1,350 m.k., u porzjoni tal-kejl ta' 1,054 m.k., it-tnejn fil-limiti ta' Il-Wileġ;	Il-Gvern ta' Malta		3079 u 3080 ta' l-2007
Santa Venera	L-utile dominju temporanju tal-fond Nru 587 fi Triq il-Kbira San Ġużepp;	Mark Attard	176568M	2872/07
Santa Venera	*The temporary utile dominium of tenement No 587 in Triq il-Kbira San Ġużepp;*			
Siġġiewi	Id-dirett dominju perpetwu ta' Plot 26 fi Triq Salvu Curso;	Francis Buttigieg u martu Marthese	543861M 296162M	2733/07
Siġġiewi	*The perpetual direct dominium of Plot 26 in Triq Salvu Curso;*			
Siġġiewi	Kwart indiviż tas-subutile dominju temporanju ta' porzjoni diviża mill-għalqa Ta' Għammieli tal-kejl ta' 12,500 m.k., kontrada tal-Fawwara;	Paul Scerri	680737M	2775/07
Siġġiewi	*One fourth undivided share of the temporary subutile dominium of a divided portion of the field Ta' Għammieli covering an area of 12,500 s.m., district of Il-Fawwara;*			
Siġġiewi	L-għalqa Tad-Dwieli sive Ta' Wied Xkora tal-kejl ta' 4,497 m.k., fil-kontrada Tal-Ħamrija;	Alfred Vella	220963M	2870/07
Siġġiewi	*The field Tad-Dwieli sive Ta' Wied Xkora covering an area of 4,497 s.m., in the district of Tal-Ħamrija;*			
Siġġiewi	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 73 jismu 'Joe Kate' fi Triq Lorenzo Gafa';	Il-Gvern ta' Malta		3038/07
Siġġiewi	*The perpetual direct dominium of tenement No 73 named 'Joe Kate' in Triq Lorenzo Gafa';*	*The Government of Malta*		
Siġġiewi	Il-garaxx Nru 147 jismu 'Maddalena Cornelio' fi Triq it-Tabib Nikol Zammit;	Il-Gvern ta' Malta		3039/07
Siġġiewi	*Garage No 147 named 'Maddalena Cornelio' in Triq it-Tabib Nikol Zammit;*	*The Government of Malta*		
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1299/1997. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt l-applikazzjoni LRA 3040/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Il-Gvern ta' Malta		3040/07

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Siġġiewi	*Correction of LRA 1299/1997.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3040/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*The Government of Malta*		
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 2057/2006. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt l-applikazzjoni LRA 3041/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Il-Gvern ta' Malta		3041/07
Siġġiewi	*Correction of LRA 2057/2006.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3041/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*The Government of Malta*		
Swieqi	Korrezzjoni ta' LRA 867/2006. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt l-applikazzjoni LRA 2746/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Il-Gvern ta' Malta		2746/07
Swieqi	*Correction of LRA 867/2006.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2746/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*The Government of Malta*		
Swieqi	Porzjoni mill-art ta' San Ġwann Evanġelista tal-kejl ta' 2,171 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2781/07
Swieqi	*A portion of the land Ta' San Ġwann Evanġelista covering an area of 2,171 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Swieqi	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond jismu 'St Jude' fi Triq is-Sirk;	Il-Gvern ta' Malta		3035/07
Swieqi	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement named 'St Jude' in Triq is-Sirk;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 74 fi Triq Ġafar;	Il-Gvern ta' Malta		2789/07
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 74 in Triq Ġafar;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 51 fi Triq il-Katidral;	Il-Gvern ta' Malta		2891/07

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 51 in Triq il-Katidral;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 2642/2001. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar John Cachia Zammitl-applikazzjoni LRA 2962/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	A.R.E. Ltd	C 11529	2962/07
Tas-Sliema	*Correction of LRA 2642/2001.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary John Cachia Zammit application LRA 2962/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*			
Tas-Sliema	Id-direttt dominju perpetwu tal-fond Nru 23 fi Triq Rodolfu;	Il-Gvern ta' Malta		3037/07
Tas-Sliema	*The perpetua direct dominium of tenement No 23 in Triq Rodolfu;*	*The Government of Malta*		
Valletta	L-appartament Nru 4, formanti parti mill-fond 106F fi Triq l-Ifran;	Maria Attard għall-utile dominju perpetwu; u l-Gvern ta' Malta għad-direttt dominju perpetwu;		2743/07
Valletta	*Apartment No 4, forming part of tenement No 106F in Triq l-Ifran;*	*Maria Attard for the perpetual utile dominium; and the Government of Malta for the perpetual direct dominium;*		
Valletta	Il-fond Nru 89 fi Triq Sant' Ursola, b'bieb ieħor f' Nru 2 fi Triq l-Arċisqof;	Perit Paul Camilleri u martu Dr Fiorella de Marco	24555M 381059M	2771/07
Valletta	*Tenement No 89 in Triq Sant' Ursola, with another door at No 2 Triq l-Arċisqof;*			
Valletta	Korrezzjoni ta' LRA 3115/2006. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt l-applikazzjoni LRA 2783/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Benefice Santa Lucia (De Vasi)		2783/07

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Valletta	*Correction of LRA 3115/2006.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2783/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*			
Valletta	Il-fondi Nri 67, 68 u 69 f' Telgħet Liesse;	Reginald Cini għall-utile dominju temporanju; u l-Gvern ta' Malta għad-dirett dominju temporanju u sussegwenti proprjeta';		2862/07
Valletta	*Tenements Nos 67, 68 and 69 at Telgħet Liesse;*	*Reginald Cini for the temporary utile dominium; and the Government of Malta for the temporary direct dominium and the full ownership thereafter;*		
Valletta	L-appartament Nru 3, Bieb Nru 2 fi Triq il-Papa Piju V, Proġett Bieb il-Belt;	L-Awtorita' tad-Djar		2922/07
Valletta	*Apartment No 3, Door No 2 in Triq il-Papa Piju V, City Gate Project;*	*The Housing Authority*		
Valletta	Il-fondi Nri 203A, 204 u 205 fi Triq Sant' Ursola;	John Greaves		3004/07
Valletta	*Tenements at Nos 203A, 204 and 205 in Triq Sant' Ursola;*			
Wied il-Għajn	Korrezzjoni ta' LRA 2270/2006. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt l-applikazzjoni LRA 2748/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Il-Gvern ta' Malta		2748/07
Wied il-Għajn	*Correction of LRA 2270/2006.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2748/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	Il-fond Nru 79979 tal-kejl ta' 12 m.k., fi Triq Għaxqet;	Raymond Azzopardi u martu Audrey għall-utile dominju temporanju; u l-Gvern ta' Malta għad-dirett dominju temporanju u sussegwenti proprjeta';	235971M 152273M	2865/07
Wied il-Għajn	*Tenement No 79979 covering an area of 12 s.m., in Triq Għaxqet;*	*Raymond Azzopardi and his wife Audrey for the temporary utile dominium; and the Government of Malta for the temporary direct dominium and the full ownership thereafter;*		
Wied il-Għajn	Biċċa art tal-kejl ta' 6m.k., limiti tal-Bajja ta' San Tumas;	Il-Gvern ta' Malta		3051/07
Wied il-Għajn	*A plot of land covering an area of 6 s.m., limits of St Thomas Bay;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 61 fi Triq il-Mitħna;	Il-Gvern ta' Malta		2791/07
Żurrieq	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 61 in Triq il-Mitħna;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Porzjoni mill-art Ta' Ħal Manin tal-kejl ta' 1,547 m.k.;	Legat Gio. Paolo Spiteri anness mal-Parroċċa tal-Qrendi;		2792/07
Żurrieq	*A portion of the land Ta' Ħal Manin covering an area of 1,547 s.m.;*	*Legacy Gio. Paolo Spiteri annexed to the Parish of Qrendi;*		
Żurrieq	Plots 1, 2, 3 u 4 mill-art Tas-Salvatur tal-kejl ta' 537 m.k., fi Triq il-Qrendi;	Benefice Arch. Antonio Camilleri		2822/07
Żurrieq	*Plots 1, 2, 3 and 4 of the land Tas-Salvatur covering an area of 537 s.m., in Triq il-Qrendi;*			

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Is-26 ta' Ottubru, 2007

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

26th October, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 108

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Fgura

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 mis-7.00 a.m. sad-9.00 p.m. minn Triq Hompesch kantuniera ma' Triq il-Karmnu sa Triq San Tumas kantuniera ma' Triq Hompesch.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi minħabba l-Grand Prix de Malte li qed tiġi organizzata mad-dawra tal-Belt Valletta fis-27 u t-28 ta' Ottubru, 2007, qed jiġu implimentati r-restrizzjonijiet tat-traffiku għal matul it-tiġrija kif ġej:

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Ottubru, 2007, vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu fil-Belt Valletta bejn is-1.00 p.m. u l-5.30 p.m. Residenti u persuni li jkollhom bżonn jidħlu l-Belt Valletta għal raġunijiet ta' emerġenza biss jitħallew jidħlu fil-Belt Valletta biss bejn it-tiġrijiet, minn Triq l-Assedju l-Kbir u Vjal Girolamo Cassar.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru, 2007, vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu fil-Belt Valletta bejn id-9.00 a.m. u l-5.30 p.m. Residenti u persuni li jkollhom bżonn jidħlu l-Belt Valletta għal raġunijiet ta' emerġenza biss jitħallew jidħlu fil-Belt Valletta biss bejn it-tiġrijiet, minn Triq l-Assedju l-Kbir u Vjal Girolamo Cassar.

Nhar is-Sibt, is-27 u l-Ħadd it-28 ta' Ottubru, 2007, traffiku mill-inħawi ta' Blata l-Bajda u Bieb il-Bombi jiddawwar għal Triq Sarria u jkompli għal Triq il-Mall u l-barra minn Triq Sa Maison. Sewwieqa li jkunu jixtiequ jużaw il-parkeġġ tal-

POLICE NOTICE

No. 108

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Fgura

On Sunday, 28th October 2007 from 7.00 a.m. till 9.00 p.m. through Triq Hompesch corner with Triq il-Karmnu up to Triq San Tumas corner with Triq Hompesch.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

26th October, 2007

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that in view of the Grand Prix de Malte being organised on the Valletta Ring Road on the 27th and 28th October, 2007, vehicular traffic accessibility restrictions are being implemented for the duration of the race as follows:

On Saturday, 27th October, 2007, vehicular traffic will not be permitted to access Valletta between 1.00 p.m. and 5.30 p.m. Valletta residents and persons having to access Valletta for emergency purposes only will be permitted access between the races, through Triq l-Assedju l-Kbir and Girolamo Cassar Avenue.

On Sunday, 28th October, 2007, vehicular traffic will not be permitted to access Valletta between 9.00 a.m. and 5.30 p.m. Valletta residents and persons having to access Valletta for emergency reasons only will be permitted access between the races, through Triq l-Assedju l-Kbir and Girolamo Cassar Avenue.

On Saturday 27th and Sunday, 28th October, 2007, vehicular traffic from Blata l-Bajda and the Portes des Bombes areas will be diverted to Triq Sarria and proceed to Triq il-Mall and out from Sa Maison Road. Motorists wishing to access

Furjana jitħallew jidħlu minn Vjal ir-Re Dwardu VII (it-triq li twassal għall-parkeġġ)

Mini vans tal-*Park and Ride* ġejjin mill-inħawi ta' St Francis Ravelin se jiddawru għal Triq Sarria. Passiġġieri jinżlu/jitilgħu qrib il-pompa tal-petrol li tinsab matul Triq l-Assedju l-Kbir. Il-*mini vans* tal-*Park and Ride* joħorġu minn Triq Sant'Anna.

Taxis ġejjin mill-inħawi ta' Bieb il-Bombi jiddawru għal Triq Sarria. Passiġġieri jkunu meħtieġa jinżlu/jitilgħu qrib il-Ġnien Pubbliku tal-Mall fejn se jkun hemm *Taxi Stand* temporanju għal matul l-avveniment biss.

Coaches li jkunu ġejjin mill-inħawi ta' Bieb il-Bombi se jiddawru għal Triq Sarria, Misraħ San Publiju. Mhux se jitħalla jsir ipparkjar matul Triq San Publiju nhar is-Sibt u l-Ħadd minħabba li din se tkun riservata għall-*coaches* għal matul l-avveniment.

It-trasport pubbliku mill-inħawi ta' Bieb il-Bombi se jiddawwar għal Triq Sarria. Passiġġieri jinżlu qrib il-Ġnien Pubbliku tal-Mall. Mhux se jitħalla jsir ipparkjar matul Triq Sarria għal matul l-avveniment nhar is-Sibt u l-Ħadd.

Il-Venda tal-Karozzi tal-Linja tal-Belt Valletta se tkun temporanjament trasferita għal Triq Sant'Anna biż-żewġ karreġġati jkunu allokati biss għal użu mill-karozzi tal-linja biex itellgħu n-nies u joħorġu biss.

Karozzi tal-linja li jkollhom in-numri 40, 41, 42, 47, 55, 52, 56, 58, 59,45,49, 60, 62, 63, 64, 66, u 68 se jkunu stazzjonati matul Triq Sant' Anna (in-naħa ta' l-Ambaxxata Amerikana).

Karozzi tal-linja li jkollhom in-numri 1, 3, 4, 6, 11, 12, 13, 15, 115, 17, 18, 19, 20, 21, 27, 127, 29, 30, 32, 34, 35, 38, 138, 71, 74, 75, 80, 81, 82, 84, 88, 89, 91 se jkunu stazzjonati matul Triq Sant' Anna (in-naħa tal-Bank of Valletta).

Traffiku li jkun ġej mill-inħawi tal-Viset se jiddawwar lejn il-Maltacom minn Blata l-Bajda.

Il-pubbliku huwa mħeġġeġ jimxi ma' l-arranġamenti tat-traffiku msemmija hawn fuq u biex jagħmel użu mit-trasport pubbliku.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

Floriana Car Park will be permitted through Vjal ir-Re Dwardu VII (road leading to car park).

Park and Ride mini vans coming from the St Francis Ravelin area will be diverted to Triq Sarria. Patrons will alight/board near the petrol station situated along Triq l-Assedju l-Kbir. The park and ride mini vans will exit through Triq Sant'Anna.

Taxis coming from the Portes des Bombes area will be diverted to Triq Sarria. Passengers will be required to alight/board in the vicinity of the Tal-Mall Public Garden where a temporary Taxi Stand is being set up for the duration of the event only.

Coaches coming from the Portes des Bombes area will be diverted to Triq Sarria, Misraħ San Publiju. On street parking will not be permitted along Triq San Publiju on Saturday and Sunday as this is being reserved for coaches for the duration of the event.

Public transport from the Portes des Bombes area will be diverted to Triq Sarria. Patrons will alight in the vicinity of the Tal-Mall Public Garden. On street parking will not be permitted along Triq Sarria for the duration of the event on Saturday and Sunday.

The Valletta Bus Terminus will be temporarily re-located to Triq Sant' Anna with both carriageways being solely allocated for use by buses for boarding and exiting purposes only.

Route buses displaying numbers 40, 41, 42, 47, 55, 52, 56, 58, 59,45,49, 60, 62, 63, 64, 66, and 68 will be stationed along Triq Sant' Anna (American Embassy Side).

Route Buses displaying numbers 1, 3, 4, 6, 11, 12, 13, 15, 115, 17, 18, 19, 20, 21, 27, 127, 29, 30, 32, 34, 35, 38, 138, 71, 74, 75, 80, 81, 82, 84, 88, 89, 91 will be stationed along Triq Sant' Anna (Bank of Valletta side).

Vehicular traffic proceeding from the Viset area will be diverted towards Maltacom via Blata l-Bajda.

The general public is urged to adhere to the traffic arrangements outlined above and to make use of public transport.

26th October, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni tgħarraf li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Junior Lyceum tas-Subien M.A. Vassalli, Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi.

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.99 (€4.64) għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *part-time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-Sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) (i) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of clerks on a part-time basis to perform duties in the following School:

M.A. Vassalli Boys' Junior Lyceum, Tal-Ħandaq, limits of Qormi.

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.99 (€4.64) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jkunu jafu sew dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

(f) ikunu ta' eta ta' 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti.

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li għandhom għarfien tajjeb tal-*computer* jew jiġu kkonfermati li għandhom l-*passes* f'*Modules* 2,3,4 tal-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' skrivan *part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-mertu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2,3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of part-time clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each school will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, id-9 ta' Novembru 2007.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta saddata ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Ingaġġ ta' *Supply Learning Support Assistants (Supply LSAs)* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Id-Direttur Ġenerali (DSE) jgħarraf lid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għandu l-ħsieb li jħejji lista ta' riserva ta' *Supply LSAs* biex jgħinu lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali u qed jilqa' applikazzjonijiet għal dan il-għan.

2. Dan l-ingaġġ huwa ta' natura għal kollox temporanju u jista' jiġi mitmum fid-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali, DSE, meta dawn is-servizzi, għal xi raġuni, ma jkunux aktar meħtieġa. F'kull każ, l-ingaġġ jiġi sospiż jew jintemm awtomatikament fl-aħħar ġurnata meta l-iskola tagħlaq għall-vaganzi tas-Sajf. *Supply LSA* jista' jerġa' jiġi ingaġġat fis-sena ta' wara jekk is-servizzi ta' dawn ikunu meħtieġa. *Supply LSA* jista` jtemm l-ingaġġ tiegħu/tagħha f'kull żmien, iżda għandu jingħata avviż ta' ġimgħatejn bil-miktub.

3. *Supply LSAs* jitħallsu bir-rata ta' Lm16.54 (€38.53) kull ġurnata tax-xogħol, u huma wkoll intitolati għall-bonus annwali u l-*weekly income supplement*, fuq bażi pro-rata, skond l-għadd tas-sigħat maħduma.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 9th November 2007.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the school by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

26th October, 2007

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Engagement of Supply Learning Support Assistants (Supply LSAs) in the Directorate for Educational Services (DES)

The Director General (DES) notifies that the Directorate for Educational Services is in the process of compiling a reserve list of prospective Supply LSAs to support students with individual educational needs and invites applications for this purpose.

2. This engagement is of an entirely temporary nature and may be terminated at the discretion of the Director General, DES when such services are, for any reason, no longer required. In any case, engagement will be suspended or terminated automatically on the last day when the school closes for the summer holidays. A Supply LSA may be re-engaged for the following scholastic year if their services are still required. Applicants may also terminate their engagement at any time, but two weeks prior notice must be given in writing.

3. Supply LSAs will be paid at the rate of Lm16.54 (€38.53) per working day. They will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on pro-rata basis according to the number of hours worked.

4. L-applikanti magħżula jistgħu jiġu assenjati biex iservu fi kwalunkwe kulleġġ, skola, jew f'xi istituzzjoni edukattiva fejn id-DSE qed tagħti servizz edukattiv lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali, f'Malta jew f'Għawdex. *Supply LSA* jista' jiġi trasferit minn skola għall-oħra, jew f'xi stituzzjoni edukattiva fejn id-DSE qed jagħti servizz lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali.

5. *Supply LSAs* huma obbligati li jsegwu korsijiet għall-żvilupp professjonali, programmi ta' taħriġ *in-service* u/jew kors ta' *induction*, skond ir-rwol u l-funzjonijiet tagħhom kif indikat mill-Kap ta' Skola, Prinċipal ta' Kulleġġ jew mid-DSE.

6. *Supply LSAs* li huma ingaġġati jistgħu jiġu assenjati temporanjament u jiġu trasferiti skond il-ħtiġiet tas-servizz.

7. *Supply LSAs* għandhom jaddottaw u jimplementaw il-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola fejn qed jagħtu servizz.

8. *Supply LSAs* għandhom jaħdmu skond il-bżonnijiet ta' l-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jkunu *statemented*. *Supply LSAs* jistgħu jiġu mitluba li jagħtu servizz f'aktar minn skola jew ċentru wieħed.

9. Id-doveri u responsabbiltajiet tas-*Supply LSAs* jinkludu:

a) Għajnuna fit-tagħlim:

i) Jgħinu u jaħdmu id f'id ma' l-għalliema tal-klassi u ma' kollegi. Taħt il-gwida ta' l-għalliema tal-klassi, jassistu fl-edukazzjoni ta' l-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari, ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari ta' studenti individwali;

ii) Jipparteċipaw bi sħiħ fis-sessjonijiet tal-*Making Action Plans* (*MAPs*);

iii) Flimkien ma' l-għalliema tal-klassi, jiżviluppaw u jwettqu l-programm individwali edukattiv (*IEPs*) billi jaddattaw il-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

iv) Jattendu laqgħat tal-*IEP* u ta' l-*Individual Transition Plan*;

v) Jirrevedu *IEPs*, inkluż li jżommu rekord ta', u jirrapportaw dwar il-progress ta' programmi simili fuq bażi regolari;

vi) Jagħtu appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi ppreparat u miktub id-dokument ta' l-*IEP* għal kull student li għandu *statement* fil-klassi;

vii) Jgħinu fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u jieħdu sehem

4. Selected applicants may be assigned to serve in any College, school or educational institution where the DES is providing educational services to students with individual educational needs, in Malta and Gozo. A Supply LSA may be transferred from one school to another or to an educational institution where the DES is providing educational services to students with individual educational needs.

5. Supply LSAs are required to follow professional development courses, in-service training programmes or an induction course as appropriate to their role and functions, as indicated by the Head of School, College Principal or the DES.

6. Supply LSAs who are engaged may be assigned temporarily and transferred according to the exigencies of the service.

7. Supply LSAs shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school they are giving service in.

8. Supply LSAs shall be required to work according to the individual educational needs of students with a statement. A Supply LSA may be required to provide service in more than one school/centre.

9. The duties and responsibilities of a Supply LSAs shall include the following:

a) Learning Support:

i) Supporting and collaborating with the class teacher and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assisting in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

ii) Participating fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

iii) Together with the class teacher, developing and implementing an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

iv) Attending IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

v) Reviewing IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

vi) Supporting the class teacher to prepare and write the IEP document of every student with a statement in class;

vii) Assisting in the preparation of educational materials

attiv fl-oqsma kollha ta' proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni ta' l-għalliema fil-klassi;

viii) Id f'id ma' l-għalliema tal-klassi, jieħdu sehem fl-osservazzjoni, l-assessjar u d-dokumentazzjoni tal-ħidma u l-imġiba ta' l-istudenti inklużi;

ix) Jipparteċipaw fi programmi rispettivi li jiffaċilitaw il-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għall-ieħor, minn skola għall-oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol billi jagħtu l-informazzjoni u dokumenti relevanti lill-kollegi kkonċernati u indikati ħalli ssir transizzjoni bla skossi għall-istudent;

x) Jippromwovu komunità inklussiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni ma' Koordinaturi ta' l-Edukazzjoni Inklussiva (*INCOs*), speċjalisti, *resource workers*, għalliema, ġenituri, studenti u nies oħra, fejn l-istudenti kollha jingħataw valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal *Child Development Assessment Unit* (*CDA*), ċentri ta' riżorsi, *NGO*'s u ambjenti oħra terapewtiċi u edukattivi;

xi) Jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' *hydrotherapy, multi-sensory*, integrazzjoni sensorja u oħrajn fl-iskejjel, Ċentri ta' Riżorsi jew ċentri oħra fejn dawn is-servizzi jingħataw, biex jiġi assigurat l-aċċess għall-proviżjoni edukattiva ta' l-istudenti;

xii) Jippromwovu f'kull ħin l-għanijiet, l-*ethos* u l-*policies* ta' l-iskola, il-Kulleġġ jew iċ-Ċentru ta' Riżorsi, fejn ikunu qed jaħdmu u jagħtu kontribut attiv bħala membru ta' l-istaff;

xiii) Jassistu fil-preparazzjoni, tixrid u użu tar-riżorsi tat-tagħlim u jiġi assigurat li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, skola, u Ċentru ta' Riżorsi;

xiv) Jagħtu appoġġ lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludu esperjenzi fil-komunità, fuq il-post tax-xogħol u f'istituzzjonijiet edukattivi ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

xv) Jinkorraġġixxu parteċipazzjoni fi proġetti ta' l-UE u proġetti oħra skond il-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola u kif miftiehem mat-Tim Anzjan ta' Tmexxija.

(b) Għajnuna Personali;

Jagħtu għajnuna lil studenti bi bżonnijiet individwali edukattivi fil-kura u ndafa personali. Din l-għajnuna tinkludi;

i) Il- qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li jwasslu l-istudenti sat-*toilet* (li jgħinu lill-istudent jinża u jilbes) li jnaddfu, jaħslu u jagħtu *shower* (u li jbiddlu s-*sanitary towels* u l-*incontinence pads* (ħrieqi);

and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

viii) In collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

ix) Participating in the respective individual transition programmes as students move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues, all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

x) Promoting an inclusive community of learners, in collaboration with Inclusive Education Coordinators (INCOs), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This will include collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), Resource Centres, NGO's and other educational and therapeutic environments;

xi) Participating in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, Resource Centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

xii) Promoting at all times the aims, ethos and policies of the school, College or Resource Centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

xiii) Assisting in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensuring their upkeep in class, school and Resource Centres;

xiv) Supporting student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational establishments.

xv) Encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team.

(b) Personal Support:

Supporting pupils with special needs in their personal care and hygiene needs including:

i) Toileting - cleaning and washing, including accompanying the child to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

ii) Jieħdu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq ta' l-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bil-qiegħda, inkluż id-dmir li jerfgħu l-istudenti u jmexxuhom fil-*wheelchair* kif ikun meħtieġ, skond ir-regolamenti ta' l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà u skond dawn il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-gwidi huma:

Irfigħ sa 27 kilogramm isir minn *Supply LSA* wieħed/waħda, irfigħ bejn 28 u 54 kilogramm isir minn żewġ persuni, 'il fuq minn 54 kilogramm jista' jsir permezz ta' lift mekkaniku;

Imbuttar ta' *wheelchair* sa 45 kilogramm isir darba kultant sa 28 kilogramm isir ta' spiss sa 9 kilogrammi jsir kontinwament;

L-Awtoritajiet Edukattivi kull sentejn isaqsu lill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà biex jirrevedu dawn il-linji gwida biex jikkonfermawhom jew jaġġustawhom biex jiġu assigurati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kkonċernati.

iii) Jiżguraw li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi jagħtuhom għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonijiet ta' terapija, kif ukoll billi jagħtuhom jieklu b'mod normali fil-*break* ta' filgħodu, ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skond il-ħtieġa;

(ċ) Dmirijiet waqt it-Transport;

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri u l-osservanza totali tal-liġi u r-regolamenti relattivi mat-trasport, *Supply LSAs* jistgħu jiġu mitluba biex jaqdu dmirijet relatati mat-trasport ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali kif ikunu mfissra fl-*Istatement* uffiċjali, jew skond kif ikun meħtieġ. F'dan il-każ, is-*Supply LSAs* għandhom;

i) Jgħinu lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u f'każijiet ta' studenti li huma f'*wheelchair*/*buggy*, ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess *wheelchair*/*buggy* u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent biex jassiguraw trasport bla periklu;

ii) jissorveljaw u jindukraw l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola. Meta jissorveljaw u jindukraw lill-istudenti barra mill-ħin ta' l-iskola, i*s-Supply Learning Support Assistants* jitħallsu bir-rata stabbilita.

10. L-applikanti għandhom;

a) ikunu 18-il sena fid-data ta' l-applikazzjoni;

b) ikunu ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea;

ii) Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting pupils and pushing pupils in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

Lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one Supply LSA, lifting between 28 up to 54 kilograms shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used.

Pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary.

The Education Authorities shall at two yearly regular intervals request the Occupational Health and Safety Authority to review the above-mentioned guidelines with the view of either confirming them or adjusting them to ensure the health and safety of the employees concerned.

iii) Ensuring the maximum educational benefit and safety for individual pupils at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

(c) Transport-related Duties:

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, a Supply LSA may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the Supply LSA shall:

i) assist in the boarding and un-boarding of pupils on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

ii) carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary; supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

10. Applicants must;

a) be 18 years of age on date of application;

b) be E.U. citizens;

ċ) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

d) (i) ikollhom mill-inqas erba' (4) *passes* tas-S.E.C. f'Livell Ordinarju fi grad 5 jew aħjar, u żewġ *passes* (2) fil-Livell Avvanzat, jew kwalifiki komparabbli

jew

(ii) ikunu temmew b' suċċess il-*Pre-School Education Certificate* jew kwalifika komparabbli

jew

(iii) ikunu temmew b'suċċess l-*MCAST-BTEC National Diploma in Early Years* jew kwalifika komparabbli

jew

(iv) ikunu temmew b'suċċess *l-MCAST-BTEC National Diploma in Care* jew kwalifika komparabbli.

11. Fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed kandidati eliġibbli skond klawsola 10 biex ikunu ingaġġati skond in-numru ta' vakanzi, is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija estiża wkoll għal applikanti li jkollhom mill-inqas erba' (4) *passes* tas-S.E.C. f'Livell Ordinarju fi grad 5 jew aħjar, u *pass* wieħed (1) fil-Livell Avvanzat, jew kwalifiki komparabbli. Preferenza fil-proċess ta' l-għażla dejjem tingħata lill-applikanti li jkunu eliġibbli skond klawsola 10 (d).

12. L-applikanti huma avżati li d-Direttorat ta' Servizzi Edukattivi diġà qed iwettaq rakkomandazzjonijiet mir-rapport "*The Inclusive and Special Education Review*" (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, 2005) fil-kuntest ta' l-iżvilupp ġenerali tas-sistema edukattiva.

13. Applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47) l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta mill-pulizija, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

14. L-applikanti jridu jehmżu ma' l-applikazzjoni d-dettalji (isem, indirizz, pożizzjoni, numri tat-telefon, indirizz ta' l-*email*) ta' persuna li jaċċetta jkun *referee*. Din il-persuna trid tkun persuna b'karattru morali u jkollha sens ċiviku.

15. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjonijiet dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

16. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà

c) be proficient in communicating in Maltese and English;

d) (i) be in possession of at least four (4) S.E.C. Ordinary Level passes at grade 5 or better, and 2 (two) Advanced Level passes or comparable qualifications

or

(ii) are in possession of the Pre-School Education Certificate or comparable qualification

or

(iii) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Early Years or comparable qualification

or

(iv) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Care or comparable qualification

11. In the eventuality that not enough eligible candidates according to clause 10 are successful, the call of applications is extended to applicants who are in possession of at least four (4) S.E.C. 'O' Level passes at grade 5 or better, and one (1) Advanced Level pass, or comparable qualifications. Preference in selection shall always be given to applicants who fulfil eligibility according to clause 10 (d).

12. Applicants are informed that the DES is already implementing recommendations of "The Inclusive and Special Education Review" (Ministry of Education, Youth and Employment, 2005) in the context of the general development of the education system.

13. Applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47) those applying from outside must produce a recent police certificate of conduct and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

14. Applicants are to attach to their application form the details (name, address, position, telephone numbers, email address) of a person who accepts to act as a referee. This person must be a person of moral and civic standing.

15. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and or testimonials (photocopies to be included with applications originals to be produced for verification at the interview).

16. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities tertiary education institutions, to produce an evaluation report on

ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħt ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

17. L-applikanti eliġibbli ssirilhom intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-ingaġġ.

18. L-applikanti magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

19. L-applikazzjonijiet fuq formola pprovduta u bil-kaligrafija ta' l-applikant jintlaqgħu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l- Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex. Il-formola tista' tinġabar mill-uffiċċji hawn fuq imsemmija jew mill-indirizzi tal-websajts:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

20. Id-data ta' l-għeluq ta' dawn l-applikazzjonijiet hi mhux aktar tard minn nofsinhar ta' l-Erbgħa, 14 ta' Novembru, 2007.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq, sakemm ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa, jistgħu jkunu kkunsidrati. In-numru tal-*fax* huwa 21225630. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fi żmien ġimgħa mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

22. Applikazzjonijiet li jintlaqgħu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, r-Rabat, Għawdex jingħataw irċevuta dak il-ħin stess.

23. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data ta' l-għeluq. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu fi żmien sebat ijiem ta' ħidma billi tintbagħat irċevuta.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

17. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for engagement.

18. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

19. Applications on the form provided and in the applicant's own handwriting together with a summary of the qualifications and experience will be received in the first instance by, the Customer Care Section, Education Division Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo. The form can be obtained from the offices mentioned above or from website addresses:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

20. The closing date for these applications is not later than noon of Wednesday, 14th November, 2007.

21. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The fax number is 21225630. The formal application, duly signed by the applicant must reach the office by not later than a week after the closing date.

22. Applications delivered by hand to the Customer Care Section, Education Division Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo will be given a receipt at the time of delivery.

23. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above mentioned dead-line. These applications will be acknowledged in writing as received, and a receipt sent within seven working days.

26th October, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għad-Dħul fil-Grad ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir eżami pubbliku kompetittiv għad-dħul fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2. Il-postijiet jimtlew skond l-ordni tal-mertu finali fl-eżami bil-kundizzjonijiet ta' din is-sejħa.

3. Il-post ta' Uffiċjal Prinċipali għandu salarju ta' Lm5,782 (€13,468.44) fis-sena u jiżdied b' Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) fis-sena (Sena ta' Stima 2007). Uffiċjal Prinċipali javvanza għal Skala ta' Salarju Nru 9 [Lm6,135 (€14,290.71) x 192 (€447.24) - Lm 7,287 (€16,974.14)] f'għeluq ta' sentejn servizz sodisfaċenti fil-grad.

4. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sentejn, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali jistgħu jinkludu:

a) l-amministrazzjoni ta' taqsimiet żgħar ta' Dipartiment jew Ministeru;

b) l-implimentazzjoni ta' *policy* u ta' direttivi tat-*top management*;

ċ) ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni u direttivi li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisdizzjoni tat-taqsima;

d) il-kontroll u eżaminar ta' programmi ta' ħidma, organizzazzjoni, sistemi u proċeduri; u

e) it-tħejjija ta' rapporti u proposti li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp ta' *policy*, programmi dipartimentali u problemi amministrattivi.

6.1. Persuni reġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm il-qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

2007 Entrance Examination to the post of Principal in the Malta Public Service

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a competitive public examination will be held for admission to the post of Principal in the Malta Public Service.

2. Posts will be filled in accordance with the final order of merit in the examination under the conditions set out below.

3. The post of Principal carries an annual salary of Lm5,782 (€13,468.44) rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28) per annum (Year 2007 Estimates). Subject to satisfactory performance, Principals will progress to Salary Scale 9 [Lm6,135 (€14,290.71) x 192 (€447.24) - Lm 7,287 (€16,974.14)] on completion of two years' service in the grade.

4. The appointment, which is subject to a probationary period of two years, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

5. The duties of a Principal may include:

a) the administration of small units of a Department and Ministry;

b) the implementation of policy and directives of top management;

c) a responsibility for the implementation of legislation and directives relating to the jurisdiction of the unit;

d) the monitoring and review of performance schedules, organisation, systems and procedures; and

e) the preparation of reports and proposals in connection with the development of policy, departmental programmes and administrative problems.

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Is-sottomissjonijiet magħmula mill-applikanti skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' min qed japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tkun indirizzata lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet u tkun ikkupjata lill-*Management and Personnel Office* u lill-KNPD.

7.1. Fid-data ta' l-għeluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, (nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2007) il-kandidati għandhom:

Jew

(i) ikollhom grad universitarju rikonoxxut jew l-approvazzjoni ta' l-università li kkwalifikaw għal dan il-grad. Dawk il-kandidati li għadhom ma ngħatawx il-grad ikunu meħtieġa jippreżentaw evidenza sodisfaċenti mill-università konċernata li fil-fatt huma ġew approvati għall-għotja tal-grad;

Inkella

(ii) uffiċjali pubbliċi li jkollhom ħatra fil-grad ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali jew ta' Uffiċjal Eżekuttiv. Fil-każ ta' l-Uffiċjali Eżekuttivi, dawn iridu jkunu għalqu ħames snin servizz fil-grad sad-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.2. Kandidati li m'humiex uffiċjali pubbliċi jridu jkunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

(iv) il-konjuġi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

6.2. Representations by applicants in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with the relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Examinations Department and copied to the Management and Personnel Office and NCPD.

7.1. By the closing date for the receipt of applications (Friday, 30 November, 2007), applicants must be:-

Either

(i) in possession of a recognised university degree, or have been approved by the University for the award of a degree. Those candidates who have not yet been formally awarded a degree would be expected to produce satisfactory evidence from the university concerned that they have been approved by the university for the award of the degree;

Or

(ii) public officers holding an appointment in the grade of Assistant Principal or Executive Officer. In the case of Executive Officers, they must have completed five years' service in the grade by the closing date for the receipt of applications.

7.2. Candidates who do not already hold an appointment with Government must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on Free Movement of Persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are Third Country Nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an Employment Licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record F*orm (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

1.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza ta' l-applikant għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. (Il-fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u d-dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.)

1.2. Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC), fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment li qed jilqa' l-applikazzjonijiet kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. L-eżami jkun jikkonsisti f'żewġ karti bil-miktub fl-Ewwel Parti u Intervista Estiża fit-Tieni Parti, li t-tnejn huma obbligatorji:

L-Ewwel Parti

Żewġ karti ta' tliet sigħat il-waħda, waħda fil-Malti u l-oħra fl-Ingliż, biex jeżaminaw il-kwalitajiet personali tal-kandidati għal preżentazzjoni ċara, tifsir tajjeb u fil-qosor tal-fehmiet ta' l-individwu, grammatika u stil ta' kitba tajba. L-ogħla marka għal kull karta tkun ta' 200 marka u kull karta hija soġġetta għal *pass mark* ta' 120 marka.

Sillabu komplut ta' l-Eżami jista' jinkiseb mingħand it-Taqsima għas-Servizz tal-Konsumatur fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet jew direttament minn fuq il-*website* tal-Gvern ta' Malta fuq http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/

Il-kandidati li jonqsu li jġibu l-*pass mark* f'xi waħda mill-karti bil-miktub ma jitħallewx jersqu għat-Tieni Parti ta' l-Eżami (L-Intervista Estiża).

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Malta Public Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service, giving details).

1.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and / or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be presented for verification at the interview).

1.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. The examination shall consist of two parts: written session in Part One and an Extended Interview in Part Two.

Part One

Two papers each of three hours duration, one in Maltese and the other in English designed to test the candidates for lucid expression, thoughtful opinion, conciseness, good grammar and style. Each paper carries a maximum of 200 marks, 120 being the pass mark.

A full syllabus of the Examination may be obtained from the Customer's Service Section of the Examinations Department or directly from the Malta Government Website on http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/

Only candidates who obtain a pass mark in both of the written tests will be allowed to attend for the interview.

It-Tieni Parti

L-intervista estiża hija maħsuba biex teżamina l-kwalitajiet personali tal-kandidati bħal intelliġenza, sveltezza, personalità, kapaċità li jikkomunikaw, il-potenzjal li jiksbu standard għoli fil-qadi ta' dmirijiethom u biex jokkupaw pożizzjoniji ta' responsabbiltà. L-ogħla marka għall-intervista tkun ta' 200 marka u hija soġġetta għal *pass mark* ta' 100 marka.

10. L-eżami se jitmexxa minn bord ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tal-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

11. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jitratta b'mod sommarju ma' kull kandidat li, filwaqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġieba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jimxu fuqhom il-kandidati.

12. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali iżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

13. Kandidati li għal xi raġuni jew oħra jonqsu li jattendu għall-intervista fid-data/i mogħtija lilhom jitqiesu li ma jridux ikomplu l-eżami.

14. L-ordni finali tal-mertu jkun determinat mill-marki totali miksuba f'kull waħda miż-żewġ stadji tal-proċess ta' l-għażla kif spjegat f'paragrafu 9 hawn fuq. Fil-każ ta' kandidati li jiksbu l-istess numru ta' marki, tingħata preċedenza skond il-proċedura stabbilita.

15.1 Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jippubblika r-riżultat finali u l-ordni tal-mertu wara li jkunu iffinalizzati l-intervista estiżi.

15.2 Talbiet għar-reviżjoni f'xi karta ta' l-eżami għandhom isiru fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-riżultat.

16. L-eżami jibqa' validu sa sentejn minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali.

17. Kandidati li jgħaddu jiġu ċertifikati medikament biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

18. Kandidat li huwa marbut bi ftehim ta' apprendistat jista' ma jingħatax il-ħatra jekk ma jippreżentax il-kunsens bil-miktub tal-prinċipal tiegħu u taċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni ta' l-Impieg u Taħriġ.

Part Two

The extended interview is aimed at assessing a candidate's personal qualities such as intelligence, alertness, personality, communicative ability and the potential to achieve a high standard of performance and to occupy a position of responsibility. (Maximum 200 marks; minimum 100 marks)

10. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Public Examinations.

11. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

12. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Examination if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole Examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Examination.

13. Candidates who for any reason whatsoever fail to attend on the date/s determined for the interview shall be deemed to have abandoned the examination.

14. The final order of merit of successful candidates shall be determined by the total number of marks obtained in each of the two stages of the selection process outlined in paragraph 9 above. In the case of candidates who obtain the same total number of marks, precedence will be determined in accordance with the established policy.

15.1 The final result and order of merit will be published by the Director of Examinations after the completion of the extended interviews.

15.2 Requests for revision of paper are to be submitted within ten (10) working days from the date of publication of this result.

16. The validity of the examination will expire after two years from the publication of the final result.

17. Successful candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

18. A candidate who is bound by an agreement of apprenticeship may be precluded from an appointment unless he/she produces the consent in writing of his/her employer and of the Chief Executive, Employment and Training Corporation.

19. Jintlaqgħu biss formoli ta' l-applikazzjoni li jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex mit-Tnejn 12 ta' Novembru, 2007. Dawn il-formoli jistgħu jitniżżlu wkoll mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet - www.exams.gov.mt

20. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Uffiċjali ta' l-applikant, u l-miżata ta' l-eżami ta' Lm4 (€9.32), jintlaqgħu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex minn nhar it-Tnejn, id-19 ta' Novembru, 2007 sa mhux aktar tard mill-4.00 p.m. (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru, 2007.

21. Applikazzjonijiet mibgħuta minn barra minn Malta jintlaqgħu sa mhux aktar tard mill-4 ta' wara nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru, 2007 permezz tal-*fax* jew mezzi oħrajn. Dawn jistgħu jitqiesu biss jekk jingħataw id-dettalji kollha mitluba hawn fuq. F'każi bħal dawn, il-formola ta' l-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant għandha tasal għand id-Dipartiment ta' l-Eżamijiet sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet huwa 2598 2232).

22. Ebda applikazzjoni li tasal wara d-data ta' l-għeluq ma tiġi kkunsidrata.

Is-26 ta' Ottubru 2007

KUNSILL LOKALI SAFI

Servizzi ta' Librar

Il-Kunsill Lokali Safi jinħtieġ is-Servizzi ta' Librar (erba' sigħat fil-ġimgħa). Min hu interessat jibgħat ittra u CV sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, is-6 ta' Novembru, 2007, f'dan l-indirizz:

Segretarju Eżekuttiv,
Kunsill Lokali Safi,
Triq l-Iskola,
Safi SFI 1404

Jistgħu japplikaw dawk li jokkupaw jew kienu jokkupaw post ta' librara jew dawk il-persuni li għandhom Diploma ta' Librara jew dawk li għandhom minimu ta' ħames ċertifikati tas-SEC li jinkludu l-Malti u l-Ingliż. L-applikanti għandu jkollhom ukoll ċertifikat ta' l-ECDL.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

19. The only application forms that will be considered are strictly those that may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo from Monday, 12 November, 2007, or may be downloaded from the following website: www.exams.gov.mt.

20. Applications together with a photocopy of the candidate's official Identity Card and an examination fee of Lm4 (€9.32) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo from Monday, 19th November, 2007 up to 4.00 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th November, 2007.

21. Applications received from abroad by 4.00pm (Central European Time) of Friday, 30th November, 2007 through a fax or other similar message may be considered provided that all requisite details are given. In the case of such applications, the formal application duly signed by the applicant must reach the Examinations Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Examinations Department is 2598 2232).

22. Under no circumstances, will applications which are not received within the specified time limit be considered.

26th October 2007

SAFI LOCAL COUNCIL

Services of a Librarian

The Safi Local Council requires the services of a librarian (four hours weekly). Interested persons are invited to sent a letter of application and a CV by not later than noon of Tuesday, 6th November, 2007, addressed to:

The Executive Secretary,
Safi Local Council,
Triq l-Iskola,
Safi SFI 1404

Applicants eligible to apply need to either occupy or occupied the post of a librarian or be in possession of a Diploma in Library Skills or be in possession of 5 certificates at SEC level which should include Maltese and English. Applicants are expected to be in possession of the ECDL certificate.

26th October, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' għalliema biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin:

Accounts (Permess ta' l-ETC Nru. 152/2007)
Applikanti għandu jkollhom B.A. (Hons.) Accountancy. (Min jintgħażel jiġi ingaġġat għas-sena akkademika 2007/2008).

Information Technology (ETC Permit No. 209/2007)
Applikanti għandu jkollhom jew *first degree* relevanti jew kwalifiki relevanti f'ta' l-anqas fil-livell 3 u minimu ta' ħames snin esperjenza relevanti fit-tagħlim jew fl-industrija.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni flimkien ma' karta bl-istorja ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, il-31 ta' Ottubru, 2007, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit lecturing staff to teach the following subjects:

Accounts (ETC Permit No. 152/2007)
Applicants should have a B.A. (Hons.) Accountancy. (Successful candidates will be engaged for the academic year 2007/2008).

Information Technology (ETC Permit No. 209/2007)
Applicants should either have a relevant first degree or relevant qualifications at least at level 3 and a minimum of five years relevant teaching or industrial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed application form together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Wednesday, 31st October, 2007, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Paola, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

26th October, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultati ta' l-Intervista għall-Postijiet fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Assistent Kap ta' l-Iskola (Primarja) Malta
Assistent Kap ta' l-Iskola (Sekondarja) Malta
Assistent Kap ta' l-Iskola (Primarja) Għawdex

Is-26 ta' Ottubru, 2007

EDUCATION DIVISION

Results of Interview for Posts in the Education Division

The Department of Education notifies that the result of the interview for the undermentioned posts may be viewed on the notice-board of the Education Division in the Department of Education, Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

The posts are the following:
Assistant Head of School (Primary) Malta
Assistant Head of School (Secondary) Malta
Assistant Head of School (Primary) Gozo

26th October, 2007

DIPARTIMENT GĦAL STANDARDS
FIL-ĦARSIEN SOĊJALI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

Id-Direttur (*Standards* fil-Ħarsien Soċjali) jgħarraf illi r-riżultati ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġew ippubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, kif ukoll fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

DEPARTMENT FOR SOCIAL
WELFARE STANDARDS

Result of Interview for the Post of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Department for Social Welfare Standards within the Ministry for the Family and Social Solidarity

The Director (Social Welfare Standards) notifies that the results of the interview for the above mentioned post have been published and may be viewed on the notice-board of the Department for Social Welfare Standards, 469, Bugeja Institute, St. Joseph High Road, St. Venera, as well as on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

26th October, 2007

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI
U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultati ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' *Occupational Therapist* fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY
AND COMMUNITY CARE

Results of Interview for the Posts of Occupational Therapist within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

26th October, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-AQA Sajf 2007

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li waslu ċ-ċertifkati ta' l-Eżamijiet ta' l-AQA Sajf 2007, u wieħed jista' jiġborhom kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana.

Importanti
Il-kandidati huma avżati li ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru wara li juru l-Karta ta' l-Identità u r-*Result Slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar minn ġenitur, għandhom jintwerew il-Karti ta' l-Identità sew tal-ġenitur kif ukoll tal-kandidat.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA Summer 2007 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of AQA Summer 2007 Examinations have now been received and can be collected as follows:-

Malta Candidates:
Examinations Department
Floriana

Important
Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and Result Slip.

If the certificate is collected by the parent, the I.D. Card of both the parent and the candidate should be presented.

26th October, 2007

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR
L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Estensjoni tal-Lukanda Seabank, Landscaping, Units Self Catering u Parkeġġ,
Seabank Family Theme Park, Triq il-Marfa,
il-Mellieħa
(PA 00720/05 / Gf 00257/07)

Stedina Pubblika

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qiegħda tħejji termini ta' riferenza sabiex tiġi sottomessa Dikjarazzjoni dwar l-Impatt fuq l-Ambjent għall-proposta msemmija. Il-pubbliku huwa mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fit-termini ta' riferenza.

Kummenti bil-miktub għandhom ikunu indirizzati lid-
Direttur tal-Ħarsien ta' l-Ambjent,
L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,
St Francis Ravelin, Il-Furjana CMR 01

jew eiamalta@mepa.org.mt fi żmien tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż.

Aktar informazzjoni tinstab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

MALTA ENVIRONMENT
AND PLANNING AUTHORITY

Extension To Existing Seabank Hotel, Landscaping, Self Catering Units and Parking Facilities
Seabank Family Park, Triq il-Marfa,
Mellieħa
(PA 00720/05 / Gf 00257/07)

Public Invitation

The Malta Environment and Planning Authority is currently formulating terms of reference (guidelines) for the preparation of an Environmental Impact Statement (EIS) for the abovementioned development. The general public is invited to submit any issues it wishes to see included in the terms of reference.

Written submissions should be sent by post and addressed to
The Director of Environment Protection,
Malta Environment and Planning Authority,
St Francis Ravelin, Floriana CMR 01

or via email eiamalta@mepa.org.mt, within 3 weeks of the date of this notice.

Further details can be found on the authority's website: www.mepa.org.mt

26th October, 2007

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf illi Triq in-Naxxar se tkun magħluqa għat-traffiku kollu nhar it-Tnejn, id-29 ta' Ottubru, 2007, mill-11.00 a.m. sas-1.00 p.m.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Għargħur Local Council notifies that Triq in-Naxxar will be closed to all traffic on Monday, 29th October, 2007, from 11.00 a.m. to 1.00 p.m.

26th October, 2007

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 322/2007. Provvista ta' pilloli *amitriptyline hydrochloride 25mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 323/2007. Provvista ta' ngwanti *latex powder free,* Qies: Kbar - Diviżjoni tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th October, 2007, for:

CT 322/2007. Supply of amitriptyline hydrochloride 25mg tablets – Health Division.

CT 323/2007. Supply of gloves latex powder free, Size: Large – Health Division.

CT 324/2007. Provvista ta'*swan neck curl cath Missouri peritoneal catheters* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 325/2007. Provvista ta' pilloli *bosentan 62.5mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 326/2007. Provvista ta' *hepatitis C enzyme immuno assay/chemiluminescent test kits* b'tagħmir b'self - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Novembru, 2007, għal:

CT/A/7/2007. Offerta għal servizz għall-iżvilupp u l-konsenja ta' Programm ta' Taħriġ bażiku fl-ICT u Soft Skills – Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://miti.gov.mt

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropew għal Malta 2004-2006.

(*Budget* allokat: Lm33,251.91(€77,457.00) mingħajr V.A.T.).

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St. Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

26th October, 2007

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru, 2007 mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurment*, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, Malta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 8/2007. Bejgħ, bil-lott, ta' vetturi, muturi, dgħajjes mhux servibbli bħala skart, u oġġetti oħra mid-Dipartiment tal-Pulizija.

L-envelops li jkun fihom l-offerti għandhom ikunu mmarkati "Offerta Nru. 8/2007 – Bejgħ ta' oġġetti mhux servibbli bħala skart".

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement* (Kamra 6), Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

MALTA POLICE DEPARTMENT

The Commissioner of Police notifies that:–

Sealed tenders will be received at the Accounts and Procurment Section, Police General Headquarters, Floriana, Malta, up to 11.00 a.m. of Friday, 30th November, 2007, for:–

Advt. No. 8/2007. Sale, by lot, of unserviceable scrap motor vehicles, motorcycles, boats and other articles from the Police Department.

Envelopes containing the tenders should be marked "Tender No. 8/2007 - Sale of scrap u/s articles".

Forms of tender and any further information regarding the conditions of this contract may be obtained from the Accounts and Procurement Section (Room 6), Police General Headquarters, Floriana, on any working day during office hours.

26th October, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Talba għal Sottomissjoni ta' Kotba ta' l-Ingliż għall-*Form 1, 2* u *3 tal-Junior Lyceum*

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bi ħsiebu jintroduċi kotba ta' l-Ingliż għall-klassijiet tal-*Form 1,2* u *3* tal-*Junior Lyceum*.

Id-Direttur tal-Kurrikulu jistieden lill-awturi, distributuri tal-kotba u pubblikaturi jibagħtu kopja/i ta' kotba/skemi għal skop ta' evalwazzjoni. Il-kotba/skemi mibgħuta għandhom ikunu bil-prezz ikkwotat magħhom.

Linji Gwida

Il-kotba għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji li ġejjin:

1. Ikunu konformi mal-prinċipji, għanijiet u aspettattivi ġenerali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

2. Ikunu konformi ma' l-għanijiet tas-sillabu tal-lingwa Ingliża għall-iskejjel sekondarji ta' l-2007 u s-sillabu tas-SEC (Università ta' Malta). Kopji tas-sillabu tal-Lingwa Ingliża għall-iskejjel sekondarji ta' l-2007 jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Konsumatur, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew min fuq www.curriculum.gov.mt

3. Ikunu jilħqu l-interessi, il-bżonnijiet u l-kompetenzi tat-tfal li jattendu l-*Form 1,2* u *3 tal- Junior Lyceum* u jridu jindirizzaw il-kontenut, il-ħiliet, u l-atitudnijiet mitluba mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u mis-sillabu tal-Lingwa Ingliża (2007) għall-iskejjel sekondarji.

4. Iridu jipprovdu firxa wiesgħa ta' testi u forom ta' kitba li jimpenjaw l-istudenti f'livelli differenti u jkun fihom eżerċizzi u xogħol li jilħaq il-livelli ta' ħiliet li jkun hemm fl-istess klassi.

5. Iridu jkunu interessanti fil-kontenut, ipaxxu l-għajn fil-mod kif jippreżentaw il-kontenut, u relevanti u adattati għat-tfal li jattendu *Form 1,2* u *3* tal-*Junior Lyceum*.

6. Ikunu jħaddmu metodoloġiji bbażati fuq l-integrazzjoni tal-ħiliet produttivi u riċettivi.

7. Il-kotba għandu jkollhom ukoll materjal awdjo-viżiv jew interattiv li joffri opportunitajiet biex wieħed jiżviluppa kompetenzi orali u ta' smigħ.

EDUCATION DIVISION

Call for Submission of English Coursebooks for Forms 1, 2 and 3 of the Junior Lyceum

The Department of Curriculum Management within the Education Division intends to procure Language coursebooks for Forms 1, 2 and 3 of the Junior Lyceum.

The Director for Curriculum Management invites authors, book distributors and publishers to submit a copy/copies of English coursebooks/schemes for evaluation purposes. The books/schemes submitted for review under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price.

Guidelines

The books submitted for review must satisfy the following criteria:

1. They should be in conformity with the principles, objectives and expectations enshrined in the National Minimum Curriculum.

2. They should meet the criteria, aims and objectives of the English Language Syllabus for Secondary Schools 2007 and the SEC English Language Syllabus (University of Malta). Copies of the English Language Syllabus for Secondary Schools 2007 may be obtained from the Customer Care Unit, Education Division, Floriana or on the curriculum website www.curruculum.gov.mt

3. The coursebooks submitted must cater for the age-specific competencies, needs and interests of the target students and must address the content, skills and attitudes endorsed by the National Minimum Curriculum and the English Secondary Schools Syllabus (2007) for students who cover the selected coursebooks.

4. The coursebooks should provide a wide selection of appropriately graded and challenging texts and genres of writing with graded activities that allow for differentiation within classes.

5. The coursebooks should be lively in content, attractive in presentation and up-to-date in choice of material, and suitable for students attending Forms 1, 2 and 3 of the Junior Lyceum.

6. The coursebooks should have an integrated skill approach that strikes a fine balance between the receptive and productive skills.

7. The coursebooks should come with audio-visual or interactive material that provides ample opportunities for the development of oral and aural competencies.

8. Ma jrid ikun fihom l-ebda ħjiel ta' sessiżmu, razziżmu u kummenti mhux xierqa fir-rigward ta' l-anzjani.

9. Il-kotba m'għandhomx iqajmu diffikultajiet serji lingwistiċi, morali, kulturali u konċettwali.

10. Il-kotba għandhom jinkludu *resource packs* u kull materjal addizzjonali li jkun ta' ġid għall-istudent u għall-għalliem.

11. Id-distributuri għandhom jikkommettu ruħhom biex ifornu l-kotba magħżula, jekk ikun meħtieġ, għal perjodu minimu ta' għaxar snin.

12. Id-distributuri huma marbuta li jinfurmaw lis-Sezzjoni tal-Kotba tad-Dipartiment tal-Kurrikulu meta ktieb jew kotba li jkunu ġew magħżula jiġu rtirati mis-suq.

Il-kotba għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, lil:

The Textbook Selection Board,
c/o English Language Resource Centre,
89, Archbishop Street,
Valletta VLT 12

Il-kotba sottomessi jintbagħtu lura lil min ikun għamel is-sottomissjoni fi żmien raġonevoli.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

8. The coursebooks should be free of any form of sexism, ageism or racism.

9. The coursebooks should not pose any serious difficulties concerning linguistic, moral, cultural and conceptual issues.

10. The coursebooks should include resource packs and any other supplementary material that benefit learners and teachers.

11. The publishers should commit themselves to supplying the selected coursebooks, if so required, for a minimum period of ten years.

12. Suppliers are bound to inform the Textbook Section of the Department of Curriculum Management when a selected coursebook or coursebooks are going out of print.

Books are to be submitted for review by noon of Friday, and addressed to:

The Textbook Selection Board,
c/o English Language Resource Centre,
89, Archbishop Street,
Valletta VLT 12

The submitted books will be returned to whoever makes the submission in a reasonable period of time.

26th October, 2007

DIPARTIMENT TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD

Il-Kummissarju tad-Dipartiment tal-VAT jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2007, jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-VAT f'Birkirkara offerti magħluqin għall-provvista ta' servizzi ta' trasport (trakkijiet) għad-diversi ħtiġiet ta' ġarr tad-Dipartiment tal-VAT.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-VAT, Sezzjoni Amministrazzjoni, Centre Point Building, Ta' Paris, Birkirkara, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti li hemm fid-Dipartiment tal-VAT, Centre Point Buiilding, Birkirkara.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

VALUE ADDED TAX DEPARTMENT

The Commissioner of the VAT Department notifies that:-

Sealed tenders will be received at the VAT Department, Birkirkara up to 10.00 a..m. on Friday, 23rd November 2007 for the supply of road transportation services (trucks) for various carriage requirements of the VAT Department.

Tenders should be made only on the prescribed forms which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable on application from the VAT Department, Administration Section, Centre Point Building, Ta' Paris, Birkirkara on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Tender documents are to be deposited in the tender box available at the VAT Department, Centre Point Building, Birkirkara.

26th October, 2007

MALTA ENTERPRISE

Il-Malta Enterprise tgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti għax-xiri ta' *notebook computers*.

Id-Dokumenti ta' l-offerta jinkisbu mingħand it-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni tal-Malta Enterprise fuq ħlas ta' Lm15 (€34.94). Għal aktar tagħrif tista' tintbagħat *e-mail* fuq tenders@maltaenterprise.com Kjarifiki jitpoġġew fuq il-*website* tal-Malta Enterprise minn żmien għal żmien sad-data ta' l-għeluq ta' l-offerta.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

MALTA ENTERPRISE

Malta Enterprise notifies that:

Sealed tenders will be received by not later than noon of Friday, 9th November, 2007 for the procurement of notebook computers.

Tender documents can be obtained at a fee of Lm15 (€34.94) from the Administration Unit of Malta Enterprise. For further information an e-mail can be sent on tenders@maltenterprise.com Clarifications will be posted from time to time on the Malta Enterprise website until the closing date.

26th October, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Novembru 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1235. Sejħa għall-proposti għall-provvista ta' *photocopiers* u/jew servizzi relatati għal diversi Fakultajiet/Dipartimenti fl-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (€12.23) inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. UM/1244. Sejħa għall-espressjoni ta' interess minn fornituri tal-*computers* biex jiġu rreġistrati bħala fornituri approvati ta' *computer hardware* u *software* għall-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (€12.23) inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* id-Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 317, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Novembru, 2007, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 21st November, 2007 for:-

Advt. No. UM/1235. Call for proposals for the supply of photocopiers and/or related services for the various Faculties/Departments at the University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (€12.23) inclusive of VAT should be paid.

Advt. No. UM/1244. Call for expression of interest from computer suppliers to be registered as approved suppliers of computer hardware and software to the University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (€12.23) inclusive of VAT should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 317, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 21st November, 2007 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

26th October, 2007

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ qed tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għal li ġej:

ESF/E/17/07. Provvista ta' materjal stampat għall-Programm *Employment Aid*.

Kopji tad-dokument ta' l-offerta jista' jinkiseb mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar, bi ħlas ta Lm20 (€46.59) kull wieħed.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju Prinċipali ta' l-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru, 2007.

L-isem ta' l-applikant/a, flimkien mat-titolu u l-kodiċi ta' l-offerta rispettiv kif imsemmi hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe offerta li tasal.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Employment and Training Corporation is receiving tenders from established organisations for the following:

ESF/E/17/07. Supply of printed materials for the Employment Aid Programme.

as specified in its tender document. Copies of the tender document may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon, against a fee of Lm20 (€46.59) each.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the Tender Box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than noon of Friday, 23rd November, 2007.

The applicant's name, together with the tender title and code as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tenders submitted.

26th October, 2007

L-Investiment fil-Futur Tiegħek
Ko-finanzjat mill-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' ko-finanzjament: 85% UE; 15% Fondi Nazzjonali

Investing in Your Future
Co-financed by Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
European Social Fund
Co-financing Rate 85% EU; 15% National Funds

UFFIĊĊJU TAD-DWANA

Il-Kontrollur tad-Dwana jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. A/07/07. Provvista ta' *x-ray screening equipment* għad-Diviżjoni tad-Dwana.

Informazzjoni relevanti u dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-*Procurement*, l-Imħażen tad-Dwana, Wied il-Kbir, Ħal Qormi, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m., numri tat-telefon: 21499099/21499069.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

CUSTOM HOUSE

The Comptroller of Customs notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Wednesday, 14th November, 2007, for:-

Advt. No. A/07/07. Supply of x-ray screening equipment for the Customs Division.

All relevant information and tender documents can be collected from the Procurement Office, Customs Stores, Wied il-Kbir, Qormi, from 9.00 a.m. to noon and 1.30 p.m. to 4.00 p.m., telephone numbers: 21499099/21499069.

26th October, 2007

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 102-07. Provvista u tqegħid ta' *turf surface* artifiċjali fl-Iskola Primarja "C" Carmelo Caruana, Ħal Safi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-15 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 103-07. Provvista u tqegħid ta' *turf surfaces* artifiċjali u *proprietary fence* ta' l-azzar galvanizzat fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 104-07. Provvista u tqegħid ta' *turf surface* artifiċjali fl-Iskola Primarja "B" F. Ebejer, iż-Żurrieq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Wieħed jista' jara wkoll id-dokumenti ta' l-offerta fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada: www.fts.com.mt

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 14th November, 2007, for:-

Advt. No. FTS 102-07. Supply and laying of artificial turf surface at Carmelo Caruana Primary School "C", Safi.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 15th November, 2007, for:-

Advt. No. FTS 103-07. Supply and installation of artificial turf surfaces and proprietary galvanised steel fence at Siġġiewi Primary School.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 16th November, 2007, for:-

Advt. No. FTS 104-07. Supply and laying of artificial turf surface at F. Ebejer Primary School "B", Żurrieq.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of

jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. DLC 03/2007. Tindif u manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Numru tat-Telefon: 21456060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. fuq ħlas ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe jew kull offerta.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

KUNSILL LOKALI RABAT (GĦAWDEX)

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-12 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 7. Kisi bit-tarmak ta' diversi toroq fir-Rabat Għawdex.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 8. Tneħħija ta' *debris* mill-Wied ta' Grixti.

Avviż Nru. 9. *Playing field* taċ-Ċawla - Provvista u stallazzjoni ta' tagħmir tal-*playing field* u *safety tiles*.

Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

26th October, 2007

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 23rd November 2007, for:-

Advt. No. DLC 03/2007. Cleaning and maintenance of gardens and soft areas.

Relative documents can be obtained from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Dingli (Telephone Number: 21456060) between 8.00 a.m. and 11.00 a.m. at a fee of Lm25 (€58.23) for each copy.

The Council reserves the right to refuse any or all tender.

26th October, 2007

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Rabat (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Monday, 12th November, 2007, for:-

Advt. No. 7. Surfacing with tarmac of various roads at Rabat Gozo.

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 23rd November, 2007, for:-

Advt. No. 8. Removal of debris from Wied ta' Grixti.

Advt. No. 9. Playing field taċ-Ċawla - Supply and installation of playing field equipment and safety tiles.

Avviż Nru. 10. Provvista ta' bankijiet, *litter bins, bollards, floor pot holders* għal diversi postijiet fir-Rabat, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.58) għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Il-Kunsill Lokali mhux obbligat li jagħżel l-orħos offerta u jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

Advt. No. 10. Supply of benches, litter bins, bollards, floor pot holders for various places at Rabat, Gozo.

A fee of Lm20 (€46.58) will be charged for each tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Local Council's office between Monday and Friday, from 8.00 a.m. to noon.

The Local Council is not obliged to choose the cheapest offer and reserves the right to refuse all offers, even the most advantageous.

26th October, 2007

KUNSILL LOKALI MOSTA

Il-Kunsill Lokali Mosta jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-13 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. KLM 05/07. Kostruzzjoni u tlestija ta' latrini pubbliċi għal dawk bi bżonnijiet speċjali fi Pjazza Rotunda, il-Mosta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. KLM 06/07. Tneħħija ta' *planters* u xogħlijiet anċillari fi Triq il-Kostituzzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm30 (€69.88) għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn 29 ta' Ottubru, 2007, bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m.

L-offerti jinfetħu eżatt wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Offerti mitfugħa mingħajr il-*bid-bond* jew wara d-data stipulata ma jiġux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Ottubru, 2007

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 13th November, 2007, for:

Advt. No. KLM 05/07. Construction and finishing of public toilets for those with special needs at the Pjazza Rotunda, Mosta.

A fee of Lm20 (€46.59) is to be charged for every copy of tender document.

Advt. No. KLM 06/07. Removal of planters and ancillary works in Triq il-Kostituzzjoni.

A fee of Lm30 (€69.88) is to be charged for every copy of tender document.

Tender documents may be collected from the Council's Office from Monday, 29th October, 2007, between 8.00 a.m. and 4.00 p.m.

Tenders will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to reject any tender, even the most advantageous.

Tenders submitted without a bid-bond or after the stipulated date will not be considered .

26th October, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1493

B'dan l-Avviż ikun ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-19 ta' Settembru 2007, minn Joslin Muscat u Bernardette Chase, rikors numru 602/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom u favur ta' min jidhrilha l-Qorti, fi kwoti rispettivi, is-SUĊĊESSJONI ta' David Spiteri, ġuvni, iben il-mejtin Francis Xavier Spiteri u Ines Spiteri neé Vella, imwieled Floriana u miet Pietà, fis-7 ta' Frar 2007, ta' 50 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 0146257(M) u li miet mingħajr testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537 (1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 19 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 19th September 2007, by Joslin Muscat and Bernardette Chase, application number 602/2007, whereby they asked that it be declared open in their favour and in whose favour the Court shall decide,in respective shares, the SUCCESSION of David Spiteri, bachelor, son of the late Francis Xavier Spiteri and Ines Spiteri neé Vella, born in Floriana and died in Pietà, intestate, on the 7th February 2007, aged 50 and who had identity card number 146257(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1)et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 19th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1494

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenta Chantelle Mallia (K.I. Nru. 121885M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 413/07 NC) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 1218/1985 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 22 ta' Ottubru, 2007.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Chantelle Mallia (ID 121885M) filed an application under oath (No. 413/07 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 1218/1985 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 22nd of October, 2007.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1495

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-rikors ta' Vincent Pace, rikors numru 591/2005, Maria Concetta Pace, xebba, bint il-mejtin Domenico Pace u Rosaria neé Zarb, imwielda Pietà u rikoverata fl-Isptar San Vincenz de Paule Luqa, bil-karta ta' l-identità numru 0096254(M) ġiet interdetta.

Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 22 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) following an application of Vincent Pace, application number 591/2005, Maria Concetta Pace, unmarried, daughter of the late Domenico Pace and Rosaria neé Zarb, born in Pietà and undercare at Saint Vincent de Paule Hospital Luqa, having identity card number 0096254(M) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 22nd October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1496

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' KUMMISSARJU TAL-VAT ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 31 ta' Ottubru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149 Triq id-Dejqa Valletta, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FALZON VICTOR.

1. Mejda, skrivanija, salott, coffee table, television tal-kulur, Hi Fi system u ħafna affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2007 on the application of KUMMISSARJU TAL-VAT, Wednesday, 31st October, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149 Strait Street, Valletta, of the following items seized from the property of FALZON VICTOR.

1. Table, desk, sitting room suite, coffee table, color television, Hi Fi system and many other items.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1497

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' VELLA KATYA ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand VELLA BERNARD.

1. Suzuki Vitara bin-numru tar-reġistrazzjoni PRI 250.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2007 on the application of VELLA KATYA, Wednesday, 28th November, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of VELLA BERNARD.

1. Suzuki Vitara with registration number PRI 250.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1498

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' VELLA KATYA ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand VELLA BERNARD.

1. Suzuki Vitara bin-numru tar-reġistrazzjoni PRI 250.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2007 on the application of VELLA KATYA, Wednesday, 28th November, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of VELLA BERNARD.

1. Suzuki Vitara with registration number PRI 250.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1499

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' FALZON SERVICES STATION LIMITED ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 4 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, Triq id-Dejqa, Valletta, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SOVREIGN HOTELS LIMITED.

1. Imwejjed, siġġijiet, coffee machine, pultruni u xi affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2007 on the application of FALZON SERVICES STATION LIMITED, Monday, 4th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, Strait Street, Valletta, of the following items seized from the property of SOVREIGN HOTELS LIMITED.

1. Tables, chairs, coffee machine, armchairs and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1500

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' MALLIA NOEL ET ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 20 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, Triq id-Dejqa Valletta ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ANASTASI ALPHONSE ET.

1. Kamra tal-pranzu, żewġ corners, mejda, żewġ siġġijiet, sufan u xi affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2007 on the application of MALLIA NOEL ET, Wednesday, 20th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th October, 2007 to be held at 149, Strait Street, Valletta of the following items seized from the property of ANASTASI ALPHONSE ET.

1. Dinning room suite, two corners, table, two chairs, sofa and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22 October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1501

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fid-19 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' SALIBA ANTHONY ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, Triq id-Dejqa, Valletta ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand C & F BUILDING CONTRACTORS.

1. Photo copier, computer, skrivanija tal-ħadid, 2 cabinets u 2 siġġijiet u xi affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th October, 2007 on the application of SALIBA ANTHONY, Wednesday, 5th December, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, Strait Street, Valletta of the following items seized from the property of C & F BUILDING CONTRACTORS.

1. Photo copier, computer, metal desk, 2 cabinets and 2 chairs and other tiems.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1502

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Settembru 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni 2711/96 JA, fl-ismijiet Stephanie Spiteri vs Kevin Spiteri ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Stephanie Spiteri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 2711/1996 JA, Stephanie Spiteri pro et noe vs Kevin Spiteri, fit-22 ta'Diċembru 2006, ir-rikorrenti John Spiteri bħala mandatarju speċjali ta' Kevin Spiteri, espona bir-rispett;

Illi l-kontendenti kellhom bħala d-dar matrimonjali tagħhom il-fond fl-indirizz Chiffon House, 44, Balzan Valley, Balzan liema fond baqa' fil-pussess esklużiv ta' l-attriċi.

Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ġie ddikjarat null permezz ta' sentenza tat-Tribunal Metropolitan ta' Malta tad-29 ta' Novembru 2002 liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata b'digriet ta' Ratifika maħruġ mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza tal-25 ta' Lulju 2003 liema sentenza hija definittiva.

Illi minn dak inhar li ġew konklużi l-proċeduri ta' l-annullament, l-attriċi reġgħet iżżewweġet u qed tgħix f'indirizz ieħor u bl-ebda mod m'hija qed tagħmel użu mill-fond indikat hawn fuq f'Ħal Balzan.

Illi għalhekk stante li seħħ l-annullament, il-fond hawn fuq indikat ma jistax jibqa' jiġi kkunsidrat li qiegħed iservi bħala d-dar matrimonjali tal-kontendenti.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 28th September 2007, in the records of the Writ of Summons 2711/96 JA, in the names Stephanie Spiteri vs Kevin Spiteri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the records of the Writ of Sumons Number 2711/1996 JA, Stephanie Spiteri pro et noe vs Kevin Spiteri, on the 22nd December 2006, the applicant John Spiteri as special mandatary of Kevin Spiteri, pleaded with respect;

That the parties had as their matrimonial home the premises at the address Chiffon House, 44, Balzan Valley, Balzan, which premises remained in the exclusive possession of the plaintiff.

That the marriage between the parties was declared null by means of a judgement of the Metropolitan Tribunal of Malta of the 29th November 2002, which decision was Ratified by a decree issued by the Regional Tribunal of Second Instance of the 25th July 2003, which judgement is definitive.

That from that day the procedures of annulment were concluded, the plaintiff married again and is living at another address and is not making any use of the premises above indicated in Balzan.

That thus since the annulment is in force, the premises above indicated cannot be considered as serving as the matrimonial home of the parties.

Illi l-kontendenti m'għandhom l-ebda ħtieġa ta' dan il-fond u għalhekk jista' jingħaddi lura lis-sidien…omissis…

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onoranbbli Qorti sabiex (1) tordna lill-attriċi sabiex b'effett immedjat tgħaddi lill-esponent il-pussess tal-fond indikat hawn fuq u (2) tawtorizza lill-esponent sabiex jagħti l-pussess battal ta' dan il-fond lis-sidien tiegħu u dan skond il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Imħallef

Onor. Joseph Azzopardi, LL.D

Ċitazz Nru: 2711/96 JA

Stephanie Spiteri pro et noe

Vs

Kevin Spiteri

Il-Qorti,

Rat ir-rikors (ta'John Spiteri tat-22 ta' Diċembru 2006)

Tordna li jkun notifikat lill-attriċi li jkollha sitt ijiem żmien biex tirrispondi.

Illum, 8 ta' Jannar 2007.

Iff. Anne Xuereb
Deputat Reġistratur.

Notifika: Stephanie Spiteri
St. Julian's Flats, Flat 17,
Triq Birkirkara, St. Julian's.

Iċ-Ċitazzjoni numru 2711/1996 JA, fl-ismijiet Spiteri Stephanie et vs Spiteri Kevin, tinsab differita għad-9 ta' Novembru 2007, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 23 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the parties do not need this premises and thus it can be passed back to the owners…omissis…

Thus,the applicant humbly prays this Honourable Court to order that (1) the plaintiff passes with immediate effect the vacant possession of the premises above indicated and (2) authorize the applicant to give the vacant possession of this premises to its owners and this according to the provisions this Court deems fit and opportune.

Civil Court

(Family Section)

Judge

Hon. Joseph Azzopardi, LL.D.

Writ of Sumons Number 2711/96 JA

Stephanie Spiteri pro et noe

Vs

Kevin Spiteri

The Court,

Saw the application (of John Spiteri of the 22nd December 2006)

Orders that the plaintiff be notified who shall have six days to reply.

Today, 8th January 2007.

Sgd. Anne Xuereb
Deputy Registrar.

Notify: Stephanie Spiteri
St. Julian's Flats, Flat 17,
Birkirkara Road, St. Julian's.

The Writ of Summons number 2711/1996 JA, in the names Spiteri Stephanie et vs Spiteri Kevin, has been put off to the 9th November 2007, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 23rd October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1503

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Settembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

IT & T Limited (C26874) ta' Level 5, De Tigné Complex, Tigné Seafront, Sliema, ippreżentaw Talba fis-17 ta' Mejju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jesmond Sultana (ID442072M) ta' 16, St Anne Street, Senglea, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u sittin lira Maltija u disgħin ċenteżmu Lm64.90 (€151.18) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

